MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 310/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**DAVIDE AURECCHIA**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Davide Aurecchia, detentur tal-Karta tal-Identita` Taljana mhux maghrufa.

## Akkuzat talli:

Fid-19 ta` Lulju 2014 u fil-granet ta` qabel f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tinflingi l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta fir-rigward ghall-ispejjez tal-esperti tal-Qorti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll tordna l-konfiska tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------